MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 34/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. C. Pulis)**
**(Spt. F. Fleri)**
**(Spt. J. Micallef)**
**Vs**
**Peter Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fis-17 t'April, 2008, u fix-xhur ta' qabel, fl-inhawi ta' Malta b'diversi atti maghmulin minn Peter Borg, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda
a) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda' b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 2329.37 Euro (LM1000);
b) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel xi qliegh iehor b'qerq bi hsara ta' haddiehor liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 2329.37 Euro (Lm1000);

c) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, permezz ta' uzin jew kejl falz, qarraq lill-haddiehor fuq il-kwantita t'ogetti moghtijin b'titolu oneruz, liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 2329.37 Euro (Lm1000);

d) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn dawk is-servizzi jew facilitajiet ta' Enemalta minghajr dik il-licenzja jaw dak il-permess mehtieg jew kiser jew naqas li jhares il-kundizzjonijiet ta' licenza bhal dik jew permess bhal dak;

e) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, wettaq xi attivita jew operazzjoni jew kien ingaggat f'xi attivita' jew operazzjoni tali li tirrigwarda ir-rizorsi tal-energija, l-ilma w il-minerali, minghajr ma kellu licenzja, permess jew awtorizazzjoni ohra tal-awtorita' taht dan l-att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 307, 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 4(1)(b) u 26(1)(2) tal-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu disgha xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 gew sospizi ghal perjodu ta' sena w multa ta' tlett elef Euro (€3000).
In oltre w b'applikazzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 9, il-Qorti ordnat li l-licenzja mahruga f'isem l-appellant bhala distributur tigi mhassra w ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti esebiti in atti w b'mod partikolari dawk esebiti bhala Dokumenti FF5 sa FF13 u dawk esebiti formalment u cioe' 721 cilindru tal-gas u sitt imwiezen.
Il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' disgha mija, hamsa w tmenin Euro w

erbgha w erbghin centezmu (€985.44) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti. Il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt xhur.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu w x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu fuq imsemmi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li ghar-rigward tar-reati ta' truffa, frodi innominata w frodi fl-uzin, l-Ewwel Qorti ppruvat tespandi fuq il-kuncetti li jirregolaw it-truffa w l-frodi innominata w, meta giet biex tapplika ghall-fatti dawn il-principji, ma tatx kaz li l-akkuza tal-frodi innominata kienet moghtija bhala alternattiva ghal dik ta' truffa, fil-waqt li t-tielet akkuza kienet moghtija bhala alternattiva ghat-tnejn ta' qabel. Illi l-elementi kostituttivi tar-reati ta' frodi, truffa w frodi nnominata huma : li jkun hemm agent; li jkun hemm xi forma ta' ngann jew qerq u fil-kaz ta' truffa jrid ikun hemm il- *messa in scena*; li jkun hemm vittma; li dik il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga; li iggibilha telf patrimonjali; bil-konsegwenti qliegh ghall-agent.

Ghalkemm irid ikun hemm vittma, l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha ebda persuna li giet tixhed u li qalet u affermat li l-appellant kien bieghhilha xi cilindru tal-gass li kien fih in-nieqes. L-istess Magri, li xehed in rapprezentanza ta' l-EneMalta, meta gie mistoqsi jekk qatt kellhomx xi *complaint* minn xi konsumatur li kien ha gass inqas minn dak li suppost ha, xehed li qatt ma kien hemm *complaint* sad-data tal-akkuza li xi hadd ha clindru b' inqas minnghand l-appellant. Hawn si tratta ta' reat kunsmat u tali prova ma tezisti mkien.

Biex ikun hemm ir-reat ta' truffa jrid ikun hemm *messa in scena* pratikata bejn l-agent u l-vittma b' dak il-kuntatt dirett li wiehed jikkonvinci lill-parti l-ohra minnhabba l-artifizju w r-raggieri. L-Ewwel Qorti interpretat dan b' analogija, haga li ma setghetx taghmel fil-ligi kriminali. Hu manifest li dan l-element ma jirrizultax ghax fl-ewwel lok lanqas vittma ma hemm li giet pruvata li kienet tqarrqet. L-istess jinghid dwar il-frodi innominata taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Hawn ukoll il-prosekuzzjoini ma ressqet ebda prova dwar xi vittma.

Ghar-rigward tal-akkuza skond l-artikolu 307 u cioe' l-frodi bl-uzin, ghalkemm it-test Malti jista' jaghti certa impressjoni, f' dan l-kaz jipprevali t-test Ingliz, ladarba dar-reat ilu jezisti sa mill-1900, i.e. qabel l-Indipendenza. Il-kliem*: "Whosoever, by the use of false weights and measures shall decive others…."* juru li dar-reat jezisti meta wiehed jaghmel mizien falz, jew kejl falz illi kif ikun qieghed ibiegh dak il-mizien persistentement jaghti rizultat falzat. Magri xehed li l-Enemalta kienet tikkonsidra cilindru tajjeb kemm il-darba jkollu *plus or minus* kwantita' ta' 40 gramma. Kien jissussisti dar-reat kieku l-mizien li suppost kien igorr mieghu l-appellant, biex jizen ic-cilindri, jekk jigi mitlub li jaghmel dan, kien ikun imbaghbas.

L-Ewwel Qorti bbazat ir-ragunament taghha fuq dak li nstab fil-mahzen tal-appellant. Pero' dak li nstab fil-mahzen qatt ma jista' jitqies li kien ir-reat ikkunsmat u lanqas jista' jitqies li kien jammonta ghal tentattiv, ghaliex ma hemmx il-bidu tal-esekuzzjoni fis-sens li ma kienx beda l-*pericolo corso*. Kien hemm biss atti preparatorji.

L-Ewwel Qorti suppost ikkalkolat il-valur ghab-bazi tal-oghla valur ta' kull att individwali, trattandosi ta' reat kontinwat. F' dal-kaz ma giex pruvat li xi hadd kien jixtri xi erbghin jew hamsin cilindru f' daqqa. Il-valur tac-cilindru mimli ma jaqbisx il-hdax il-Ewro (E11). Ahseb w ara kemm in-nuqqas jista' jaghmel ammont li tghoddu globalment fuq ic-cilindri kollha. Ghalhekk kien applikabbli l-aktar valur baxx skond l-artikolu 310 (1) (d) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk is-sentenza appellata lanqas kienet korretta fuq il-kalkolu tal-valur.

Dan kollu jinghid fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni ghax il-fatti kienu ben differenti. Fl-istqarrija tieghu l-appellant kien qal li hu kien jigbor cilindri li ma jkunux tbattlu ghal kollox u hu kien ibattalhom billi jimliehom ghal ohrajn u qajl, qajl, itella' ghall-piz li hemm bzonn halli jkun jista' johroghom ghand il-konsumatur. F' kelma wahda kien ikewwes u jlaqqat minn dak li altrimenti kien jibqa' fic-cilindru. B' hekk ma kien qed jisraq lil hadd.

Ghar-rigward tal-akkuza taht l-EneMalta Act , Kap. 272 , indikata bl-ittra d. fir-rinviju tal-Avukat Generali, jinghid li l-Enemalta hi stess ghandha bzonn il-licenzja w mhux tohrog il-licenzji hi skond l-artikolu 14 ta' dik il-ligi. Ma hareg ebda regolament jew ligi sussidjarja taht l-EneMalta Act li jaghti lill-EneMalta d-dritt li tohrog licenzji. Ghalhekk dan ir-reat ma setax jisssussisti. Dak li kien hemm bejn l-appellant u l-EneMalta kien biss kuntratt, kif iddeskrivietu l-Ewwel Qorti stess. L-EneMalta ma hix poter tal-istat imma ente kummercjali li hi stess hija *licensee* u ma kienetx delegata li timponi licenzji. Dak li jgib il-ksur tal-klawsoli tal-ftehim ma jgibx ksur ta' licenzji. Kuntratt ma jsirx "licenzja" ghax issejjahlu licenzja, meta l-ligi ma taghmux licenzja.

Ghar-rigward tal-akkuza taht il-Kap.423 tal-Ligijiet ta' Malta (akkuza e. fir-rinviju tal-Avukat Generali), l-art. 4(1)(b) kwotat mill-Avukat Generali jaghmel riferenza ghad-doveri tal-awtorita' tar-rizorsi w l-artikolu 4(1)(b) specifikatament jghid li jaghti licenzji, permessi jew awtorizzazzjonijiet biex isiru operazzjonijiet jew attivitajiet li ghandhom x' jaqsmu mal-energija, ilma w *mineral resources*. L-artikolu 26 ta' din il-ligi jirrigwarda kwistjonijiet dwar piena. L-appellant issotometta li biex ikun hemm bzonn ta' hrug ta' licenzji, permessi jew awtorizzazzjonijiet, l-awtorita' trid tistabilixxi f' liema kazijiet huma mehtiega licenzji bhal dawn. Jekk licenzja mhux mehtiega jew mhix regolata li tinhtieg licenzja, wiehed ma jistax jitqies li kiser din il-ligi partikolari. Il-materja tar-*retail marketing* tal-*liquified petroleum gas* giet regolata bir-Regolamenti fl-Avviz Legali 249/2008. Dawn ir-regolamenti dahlu fis-sehh b'effett mis-7 t' Ottubru,

2008, imma l-appellant kien gie mressaq quddiem il-Qorti f' April, 2008 meta dan l-Avviz Legali w dawn ir-regolamenti ma kienux jezistu. Imkien u f' ebda ligi ma kien hemm dak iz-zmien li hadd ma jista' jahzen cilindri tal-gass f' garage. L-istess dwar l-ibbottiljar. L-istess EneMalta kellha tapplika ghall-licenzja wara li dahlu in vigore dawn ir-regolamenti w jekk dawn ir-regolamenti ma kienux japplikaw sas-7 t' Ottubru, 2008, anqas ghall-EneMalta, bl-istess mod ma kellhomx japplikaw b' mod retroattiv ghall-appellant. Ghalhekk "*nullum crimen sine lege".*

L-appellant umbaghad ghadda biex irrileva xi aggravji dwar xi fatti saljenti bhal ma huma l-kejl bl-uzin tac-cilindri, l-ammont ta' cilindri li nstabu ghand l-appellant li kienu kollha koperti b' *vouchers* li harget l-istess Enemalta, il-kwistjoni tas-sigilli li ma huma sigilli xejn izda biss tappijiet tal-plastic u l-"obbligu" tal-appellant li jizen ic-cilindri fil-Qajjenza li mhux preciz.

Finalment dwar il-piena, l-Ewwel Qorti applikat l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali. Dak l-artikolu jaghti aktar ragun lill-appellant fuq in-natura tal-kuntratt li kellu mal-EneMalta, fuq licenzji mahruga minn awtorita' pubblika w mhux minn korporazzjoni kummercjali anke jekk tkun tal-Gvern. Ghalhekk ma kienx applikabbli ghall-kaz l-artikolu 30 tal-Kap.9.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenzi tat-2, 16 u 30 t' April, 2009;

Rat in-Nota tal-appellant prezentata waqt l-udjenza tat-30 t' April, 2009, intiza biex tippuntwalizza xi punti sollevati mill-appellant;

Rat in-Nota responsiva tal-Avukat Generali tat-12 ta' Mejju, 2009, bil-visto tal-avukat tal-appellant;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu fil-qosor is-segwenti. L-appellant kien distributur tac-cilindri tal-gass fl-inhawi tal-Imdina w postijiet ohra w kien gie awtorizzat li jezercita dan il-mestier in forza tad-dokument CB1 a fol.157 tal-process iffirmat mill-Korporazzjoni EneMalta f' Settembru, 1992. L-effetti ta' dan id-dokument kienu gew imgedda minn sena ghal sena bl-istess kondizzjonijiet. Irrizulta li qabel is-17 t' April, 2008, l-appellant kien jixtri cilindri tal-gass vojta jew kwazi vojta minnghand il-konsumatur u jzommhom ghandu biex umbaghad jimlihom hu billi jiehu gass mic-cilindri mimlija li hu jkun ottjena minnghand l-Enemalta fil-Qajjenza. Wara li kien jimla dawn ic-cilindri kien ipoggilhom tappijiet li kien igib mid-depot tal-Enemalta. Mbaghad kien ibiegh dawn ic-cilindri li jimla' hu stess. Kien ukoll ibiegh lill-konsumatur ic-cilindri li minnhom kien jiehu l-gass. Hu kien jaghmel dan fil-garage li kellu f' San Arard fil-limiti ta' Haz-Zabbar. Qabel kien jaghmel dan f' garage li kellu f' Benghisa, izda skondu fuq skala izghar.  Fis-17 t' April, 2008, Il-Pulizija kienu ghamlu tfittxija fil-garage imsemmu w kienu nstabu 721 cilindru tal-gass f' dal-garage meta suppost, skond l-EneMalta kellu fil-pussess tieghu biss 380 cilindru.

Mis-721 cilindru li nstabu ghand l-appellant, 10 kellhom uzin korrett. Ic-cilindri l-ohra li kollha kienu ta' 12 il-kilo kienu mimlija, imma kollha kellhom uzin inqas u dan b' margini akbar minn dak li skond l-EneMalta kien jitqies bhala margini accettabbli w cioe' ta' 400 gramm anqas jew aktar minn tnax il-kilo. Skond l-Inginier Mario Magri dan-nuqqas kien "ta' bejn zewg kilos".

Fl-istqarrija tieghu (Dok. FF4 a fol. 32 tal-process) l-appellant jghid li mis-721 cilindru, 10 kienu mimlija w kellhom uzin tajjeb, 77 kienu vojta w il-kumplament ta' 634 kienu mimlija b' nuqqas fl-uzin li jvarja minn 0.7 ta' kilogramma sa 3.5 kilogramma. Hu kkonferma dan fix-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti.

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, (fol. 171 et seq.), l-appellant beda biex ikkonferma l-istqarrija tieghu w kompla jispjega fid-dettal kif kien qed jizvojta parti mill-

kontenut ta' gass mic-cilindri li kien igib mid-depot tal-EneMalta fil-Qajjenza ghal go cilindri vojta jew kwazi vojta li kien jakkwista minnghand il-konsumaturi. Spjega li l-EneMalta stess kienet tatihom tappijiet biex jaghmluhom fuq cilindri li kienu johorgu bla tapp mid-depot, jew jaqalghom it-tap fit-tragitt. Fix-xhieda tieghu l-appellant donnu pprova jaghti l-impressjoni li kien jaghmel din l-operazzjoni kollha biex, a beneficcju tal-konsumatur, ic-cilindri jkunu ta' piz uniformi w allura kien inaqqas minn wiehed u jzid fl-iehor b' dan il-ghan. Meta gie imfakkar li fl-istqarrija tieghu kien qal li kien hemm biss ghaxar cilindri bil-piz kif johorgu mill-EneMalta, ghaliex dawk kien ghadu ma naqqasx il-gass minhom, l-appellant cahad illi l-fatti graw hekk.

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm ma tantx hemm kontestazzjoni dwar il-fatti rizultanti *ut sic*, l-appellant issolleva numru ta' aggravji bazati fuq konsiderazzjonijiet ta' natura prettament legali. Dawn ser jigu trattati mhux necessarjament pero' fl-ordni li ssemmew fir-rikors tal-appell.

Illi din il-Qorti taqbel li l-ewwel w t-tieni imputazzjoni li jidhru fl-akkuza mal-prezentata (fol. 1) u cioe' dawk ta' truffa w frodi innominata huma akkuzi alternattivi w jekk tinstab htija ta' xi wahda minnhom, il-Qorti kellha tastjeni milli tippronunzja ruha dwar l-akkuza l-ohra. Fil-kaz tat-tielet imputazzjoni u cioe' dik ta' uzu ta' kejl jew uzin falz, jekk stess tirrizulta, ghall-fini tal-piena tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi skond il-kaz li jista' jirrizulta taht l-ewwel jew it-tieni imputazzjoni billi dar-reat ikun serva bhala mezz biex seta' jigi kunsmat tali reat skond l-art. 17 (h) tal-Kodici Kriminali, pero' mhux il-kaz li din inghatat bhala akkuza alternattiva.

Ghar-rigward tal-aggravju li ma saritx il-prova tal-vittma jew vittmi tal-qerq pratikat mill-appellant, certament li ma jistax jinghid li l-EneMalta kienet il-vittma f' dan il-kaz ghax din bl-ebda mod ma jirrizulta li sofriet xi hsara jew li giet imqarrqa bl-agir tal-appellant.

L-appellant pero' jissottometti li f' dan il-kaz ma rrizulta li kien hemm ebda vittma tal-agir tal-appellant ghax ma gie prodott ebda xhud li lmenta minn uzin inqas minn dak li suppost fic-cilindru jew cilindri li hu kien xtara minnghand l-appellant.

Pero' hawn l-appellant konvenjentement donnu qed jinsa' dak li hu stess ammetta w cioe' li kien ilu certu zmien jiehu gass minn cilindri mimlijin li jkun gab mill-EneMalta, u jiehu minnhom billi jitfa' l-gass go cilindri vojta jew kwazi vojta li jkun akkwista minnghand il-konsumaturi w li meta kien jimla' dawn ic-cilindri sa certu piz kien ibieghhom lill-konsumatur. Fi kliemu stess :

*"Malli c-cilindru ta' fuq jilhaq certu piz, jien naqla' l-pipe minn bejn ic-cilindri u dan ic-cilindru ta' fuq innizzlu mal-art, fejn inwahhallu sigill gdid jew l-istess sigill li kellu jekk dan ikun ghadu tajjeb. Minn hawn dan ic-cilindru nerga' nghabbieh fit-truck* ***biex immur imbieghu****. Dan il-process jibqa' jirripeti ruhu sakemm ic-cilindru t' isfel jimtela' kollu. Malli c-cilindru t' isfel jimtela' nghamillu sigill u jiena inwarrbu f' post iehor fejn inzomm cilindri ohra li nkun imlejt bl-istess mod. Meta nghaqqad vjegg,* ***inbieghhom****." "****Indum bejn tlett gimghat u erba' gimghat biex nghaqqad vjegg minn dawn , liema vjegg jammonta ghal mija w erbghin cilindru."*** Kien ilu jahdem ***"madwar sitt xhur jew ftit aktar****"* fil-garage fejn instabu c-cilindri u qabel fil-garage l-iehor fuq skala izghar.(fol. 33 tal-process) (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti).

Mela, *ex admissis,* kien hemm diga' numru ta' konsumaturi li kienu gja batew hsara billi hadu gass inqas minn dak li suppost u dan fuq firxa ta' zmien konsiderevoli. Skond l-istess appellant dan l-agir kien qed jirrekalu qliegh kulljum ta' xi 35 Ewro bejn wiehed u iehor.

Ghalhekk hawn non si trattava ta' tentattiv ta' reat imma ta' kontinwita' ta' reati kunsmati kull darba li hu *ex*

*admissis* kien biegh cilindru bin-nieqes lil xi konsumatur. Meta hemm din l-ammissjoni, li hija indubbjament il-prova regina tal-htija, ma hemmx il-htiega li ssir il-prova tal-vittmi billi dawn jigu *uti singoli* jixhdu li sofrew tali hsara. Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant hu manifestament infondat.

Pero' xorta wahda irid jigi deciz jekk dan l-agir jammontax ghar-reat ta' truffa kontemplat fl-art. 308, ta' frodi innominata kontemplata fl-artikolu 309, jew tar-reat ta' min, b' uzin jew kejl falz, ("*by the use of false weights or measures"* fit-test Ingliz) iqarraq lil haddiehor fuq il-kwantita' ta' oggetti moghtijin b' titolu oneruz kontemplat fl-artikolu 307 tal-Kodici Kriminali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti la jirrizulta r-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi ghax ma tirrizultax il-*messa in scena* fil-konfront tal-konsumaturi li *ex admissis* xtraw minnghand l-appellant u lanqas ma jirrizulta r-reat ta' uzu ta' uzin jew kejl falz kontemplat fl-artikolu 307 ghax il-qerq perpetwat ma sarx bl-uzu ta' uzin jew kejl falz waqt li qed isir il-biegh.

Indubbjament pero' l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu fir-reat kontinwat ta' frodi innominata kontemplat fl-artikolu 309. Il-konsumaturi li fuq il-firxa ta' zmien ammess mill-appellant akkwistaw cilindri tal-gass minnghand l-appellant, kellhom il-fiducja taghhom fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-gas tal-pajjiz abbuzata. Kull konsumatur kien legittimament jistenna li c-cilindri tal-gass ikunu gew ibbottiljati fid-Depot tal-Enemalta fil-Qajjenza b' uzin fiss u determinat u mhux b' wiehed imbaghbas u b'cilindri ibbottiljati fil-garage tal-appellant. Bl-intromissjoni tieghu qarrieqa fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-*liquified petroleum gas*, l-appellant gie li abbuza minn din il-fiducja tal-konsumatur li sofra hsara billi gie li akkwista gass f' ammont inqas minn dak li kien hareg mid-Depot tal-Enemalta w dan kemm ghac-cilindri godda li l-appellant kien ha l-gass minnhom kif ukoll ghac-cilindri uzati li hu kien mela' hu stess. Hawn jirrizultaw l-elementi kollha tar-reat li jikkonsisti filli, bi hsara ta' haddiehor, (f' dan il-kaz tal-konsumaturi kollha li l-appellant ammetta li kien bieghhilhom dawn it-tip ta' cilindri mbaghbsa) l-appellant

ghamel il-qliegh minnu ammess u dan b' qerq mhux imsemmi taht artikoli ohra tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol fuq l-aggravju li s-sejba tac-cilindri li kienu nstabu fil-garage jikkostitwux prova ta' tentattiv jew biss ta' atti preparatorji, ladarba jirrizulta r-reat kontinwat kunsmat ta' frodi innominata, fir-rigward tac-cilindri li hu ammetta li kien lahaq biegh, kif appena gie deciz.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-valur involut pero' l-appellant ghandu ragun. Kull att ta' biegh ta' cilindru imbaghbas kien jikkostitwixxi reat kunsmat f' sensiela ta' reati kommessi fi zmienijiet differenti li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda w konsegwentement jammontaw ghal reat kontinwat. Ghalhekk irid jittiehed biss l-oghla valur tal-hsara pprokurata b' kull biegh ta' cilindru "*uti singoli*" u mhux tal-valur komplessiv tac-cilindri kollha li setghu mbieghu jew li kienu lesti biex jimbieghu fil-garage tal-appellant. Ghalhekk, peress li l-valur ta' kull cilindru mimli kif suppost ma kienx jeccedi l-Ewro 11.65c (u ergo il-gass mehud minn kull cilindru b' qerq kien indubbjament inqas minn hekk ukoll), ghall-fini tal-piena, japplika l-artikolu 310 (d), s' intendi biz-zieda ta' grad jew tnejn skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, stante li r-reat kien kontinwat.,

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravji li jolqtu r-raba' imputazzjoni, s-sottomissjoni principali tal-appellant hi li d-dokument CB1 esebit a fol. 157 ma kienx jammonta ghall-licenzja izda kien biss kuntratt ta' natura kummercjali ta' agenzija bejn l-appellant u l-Enemalta.

Fil-fatt, dan id-dokument hu intestat *in capo* bhala "FTEHIM GHAD-DISTRIBUZZJONI TAL-GASS". Dal-ftehim, li jgib il-firem tac-Chairman tal-Enemalta w dik tal-appellant u bid-data "Settembru 1992" (fol. 164), jidher li hu proprju skrittura privata kummercjali bejn enti

parastatali u l-agent taghha w ghalkemm fih jissemma li "*l-Korporazzjoni qieghda tohrog **licenzja** f' isem id-distributur …."*, jidher, kemm mill-format kif ukoll mill-ispirtu, li dan hu ftehim kummercjali li inforza tieghu kienet qed tinghata licenzja. Dan il-ftehim jikkontjeni klawsoli w kundizzjonijiet dettaljati li ghandhom jirregolaw l-obbligi reciproci tal-partijiet u partikolarment dawk tal-appellant bhala agent u distributur tac-cilindri tal-gass *"door to door".* Fin-Nota responsiva tieghu l-Avukat Generali wkoll ma jezitax milli jsejjah dan il-ftehim bhala "kuntratt" u ghalhekk fuq dan jidher li hemm qbil.

Illi fil-1992, meta gie ffirmat dal-kuntratt, il-Kap. 272 tal-Ligijiet ta' Malta w cioe' l-Att dwar l-Enemalta, kien jipprovdi fl-artikolu 38(1) (b) li l-Enemalta kienet *"tista' fid-diskrezzjoni taghha u taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidrilha xierqa taghti licenza lil kull persuna ghall-importazzjoni, ksib, manifattura, hazna, tqassim, biegh u esportazzjoni jew tnehhija ohra ta' pitrolju, jew ghal xi attivita' wahda minn dawk jew ghal iktar, ……… u tista' ukoll taghmel kull arrangament u taghmel kull ftehim ma xi persuna ghal kull wiehed mill-imsemmi ghanijiet, jew xort' ohra dwar xi wahda mill-funzjonijiet taghha skond dan l-Att, kif jidhrilha xieraq jew spedjenti."* (sottolinear tal-Qorti)

L-artikolu 2 tal-istess Kap. 272 jiddefinixxi *"pitrolju"* bhala: *"kull idrokarburi naturali sew f' forma likwida jew gassuza maghdud…gass naturali, u sew jekk fi stat mhux raffinat jew naturali kemm f' forma processata jew raffinata."*

Konsegwentement il-ftehim Dok CB1 kien perfettament legali w awtorizzat bil-ligi meta gie iffirmat f' Settembru, 1992, meta l-artikolu 38(1)(b) fuq citat kien ghadu in vigore u qabel ma gie abrogat bl-Att XXV tal-2000, li stabilixxa l-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi (Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta).

Issa, nonostante li l-artikolu 38 (1)(b) tal-Kap. 272 gie hekk abrogat fis-sena 2000, l-istess Kap. 423 li abrogah, fl-artikolu 37 (2) tieghu jiddisponi testwalment li:-

*"Kull licenzja, permess, awtorita' jew ordni moghtija jew maghmula taht xi wahda mil-provvedimenti tal-ligijiet elenkati fit-Tieni Skeda* (li tinkludi inter alia l-Att dwar l-Enemalta, Kap.272) *u li jkunu ghadhom fis-sehh minnufieh qabel dik l-emenda, ghandhom jibqghu fis-sehh wara li ssir bhallikieku kienu xi licenza, permess, awtorita' jew ordni moghtija jew maghmula taht provvediment korrispondenti ta' dan l-Att, u kull licenzja, permess, awtorita' jew ordni bhal dawk hawn aktar qabel imsemmija ghandhom jigu trattati u jsir minnhom skond hekk."*

Illi skond il-klawsola 1 (a) tad-Dok. CB1 *"dan il-ftehim jigi* ***mgedded awtomatikament*** *kull sena mill-lum"* u fil-fatt irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi, Charles Buttigieg, li kemm l-Enemalta kif ukoll sussegwentement l-Awtorita' baqghet tqis dak il-ftehim bejn l-appellant u l-Enemalta bhala validu w vigenti w baqghu mexjin tul is-snin fuq dan il-ftehim li kellhom mal-appellant.

Ghalhekk id-dispozizzjoni transitorja kontenuta fl-artikolu 37(2) tal-Kap.423 kienet ipperpetwat il-validita' w applikabilita' tal-ftehim u l-licenzja moghtija tahtu li kien sar fil-1992 fuq imsemmi w l-appellant ergo kien ghadu marbut bil-kondizzjonijiet u obbligi hemm stipulati sad-data tal-kommissjoni tar-reati dedotti kontra tieghu.

Jigi rilevat li apparti l-kliem "licenzja" jew "permess" li ntuza fl-akkuza originali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu (fol. 144) l-Avukat Generali ma jsemmix la "licenzja" u lanqas "permess", imma jaghmel biss referenza ghall-artikoli 14, 45( c ) u 46 (1) (2) tal-Kap.272. bhala l-artikoli li tahthom setghet tinstab htija.

L-artikolu 45( c ) jiddisponi *inter alia* li kull persuna li tikser jew tonqos milli thares il-kondizzjonijiet ta' licenzja jew permess tkun hatja ta' reat kontra dak l-Att. L-artikolu 46 (1) u (2) mbaghad jipprovdu ghall-piena applikabbli ghal tali reat u ghall-konfiska favur il-Gvern ta' kull stallazzjoni,

apparat, strument, impjant jew taghmir jew hag' ohra wzata sabiex isir ir-reat.

Issa ghalkemm id-dokument CB1 jissejjah "FTEHIM" fl-intestatura tieghu, fil-klawsola 1 (a) jinghid li b' dak il-ftehim "il-Korporazzjoni qieghda tohrog **licenzja** f' isem id-distributur …" u jidher li hawnhekk il-kelma **licenzja** qed tintuza mhux fis-sens ta' licenzja governattiva jew amministrattiva imma wahda f' sens kummercjali fejn parti topera taht permess minn parti ohra, bhal nghidu ahna dak li jissejjah "manufacturing or producing under licence". B' dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti xorta wahda jigi li kull ksur ta' l-kondizzjonijiet u obbligi fih stipulati, huwa punibbli bhala reat. Ghalhekk l-emfasi li ghamel l-appellant fuq il-punt jekk dan id-dokument hux licenzja jew kuntratt ma hix rilevanti ghax f' kull kaz skond is-subartikolu (2) tal-art.38 tal-Kap.272, kif kien qabel ma gie abrogat, "*Licenzi mahruga skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u kull arrangament jew ftehim maghmul bis-sahha tieghu, ghandhom, sakemm jiggeddu, ikunu validi ghaz-zmien li jkunu nghataw, gew maghmula jew imgedda".* Hawn il-ligi stess qed tekwipara licenzji ma arrangamenti jew ftehim bejn l-Enemalta w terzi. Ghalhekk anki jekk id-dokument CB1 ma jissejjahx licenzja izda ftehim jew arrangament, xorta wahda l-ksur tieghu jikkostitwixxi reat.

Issa fost il-kondizzjonijiet ta' dan il-ftehim (Dok. CB1) insibu *inter alia* li l-appellant ma setax jahzen cilindri kemm jekk mimlija jew kemm jekk vojta, jekk mhux fl-impjant ta' Birzebbugia jew f' xi post approvat mill-Korporazzjoni u l-Awtoritajiet tal-Pulizija (klawsola 3 (b)). Kien ukoll id-dover tal-appellant li jizgura li c-cilindri tal-gass li jigu rtirati minnu mill-impjant ta' Birzebbugia jkunu ta' piz tajjeb u ssigillati sewwa (klawsola 6 (a)) w, f' kaz li l-appellant jipprova jqassam jew fil-fatt iqassam cilindri li ma jgibux il-piz dovut jew li jkunu bla sigill jew b' sigill maqtugh, il-Korporazzjoni Enemalta jkollha d-dritt f' kull hin u mument li twaqqaf dak il-ftehim minghajr terminu t' avviz. (klawsola 6 (b)). Kien ukoll id-dover tal-appellant li jirritorna c-cilindri tal-gass vojta minghajr dewmien. (klawsola 6 ( c )).

Illi hu ovvju li l-appellant *ex admissis* fuq firxa ta' zmien kien naqas milli josserva diversi minn dawn il-kondizzjonijiet b' mod jew iehor u dan kien jammonta ghal reat kontinwat kif fuq intqal.

Ghalhekk din l-imputazzjoni ukoll hija pruvata w l-aggravji tal-appellant fir-rigward qed jigu respinti, salv dak li ser jintqal aktar 'l isfel dwar taht liema ligi l-appellant ghandu jigi punit, billi ma jistax jigi punit ghall-istess ksur tal-ligi taht zewg ligijiet differenti.

Ikkonsidrat;

Ghar-rigward tal-hames imputazzjoni w cioe' dik dedotta taht il-paragrafu e. tan-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju w precizament skond l-artikoli 4 (1) (b) u 26 (1) (2) tal-Kap.423, jigi osservat li l-artikolu 4 (1) (b) jinkludi fost il-funzjonijiet tal-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi dik li taghti licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra ghall-ghemil ta' kull operazzjoni jew attivita' li tirrigwarda r-rizorsi ta' l-energija, l-ilma u l-minerali. Umbaghad l-artikolu 26 (1) jiddisponi li sakemm ma jigix preskritt mod iehor, hadd ma ghandu jwettaq xi attivita' jew operazzjoni, jew ikun ingaggat f' xi attivita' jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta' l-energija, l-ilma u l-minerali, kemm il-darba dik il-persuna ma jkollhiex licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra ta' l-Awtorita' taht dak l-Att. Is-subartikolu (2) umbaghad jiddisponi li kull min iwettaq xi attivita' bhal dik minghajr licenza jew li jagixxi bi ksur ta' xi kondizzjoni ta' dik il-licenza, jkun hati ta' reat u suggett ghall-pieni hemm preskritti.

Illi a tenur tal-artikolu 37 (3) tal-istess Kap. 423, il-licenzja li l-appellant kellu skond id-dokument CB1 taht l-Enemalta Act kienet ghadha fis-sehh u ghalhekk jekk kellu jirrizulta li hu kiser xi kondizzjoni stipulata taht tali licenzja, kien ukoll ikun passibbli ghas-sanzjonijiet stipulati fl-artikolu 26 (1) u (2).

Taht din l-ottika, s-sottomissjoni tal-appellant li r-regolamenti li jirregolaw x' irid ikun suggett ghall-licenzja

inkorporati fl-Avviz Legali 249/2008, gew biss in vigore fis-7 t' Ottubru, 2008 meta l-akkuzat tressaq b' arrest biex iwiegeb ghall-akkuzi odjerni fit-22 t' April, 2008 (fol.1) u konsegwentement mhumiex applikabbli retroattivament, huwa wiehed irrilevanti. Dan ghaliex l-appellant kien ghadu marbut bil-kondizzjonijiet tal-"licenza" moghtija lilu f' Settembru, 1992. U kien il-ksur ta' dawk il-kondizzjonijiet li kienu jirrenduh passibbli ghas-sanzjoni tal-ligi li sadattant dahlet in vigore fis-sena 2000 u cioe' l-Kap. 423.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-piena l-appellant qed jilmenta ukoll mill-fatt li giet applikata fil-konfront tieghu s-sanzjoni kontemplata fl-artikolu 30 tal-Kap. 9. Jghid li dan l-artikolu ma kienx applikabbli ghalih.

Dan l-artikolu jiddisponi li minghajr hsara tad-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli jzomm jew tikseb xi warrant, licenza, permess jew awtorita' ohra, meta xi persuna tigi dikjarata hatja ta' reat kriminali li jkun sar fl-ezercizzju jew dwar l-ezercizzju ta' xi negozju jew xoghol iehor li ghalihom ikun inhareg f' isimha xi warrant, licenza, permess jew awtorita' mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra, l-Qorti tista' barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet hatja ghal xi piena mahsuba mil-ligi ghar-reat, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, ghal dak iz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, licenzja, permess jew awtorita'.

Kjarament kemm l-Enemalta bhala korp imwaqqaf b' ligi w, mis-sena 2000 'l hawn, l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi, jaqghu taht awtorita' pubblika ghall-fini ta' dan l-artikolu w ghalhekk ladarba l-appellant kien qed jopera taht licenzja originarjament mahruga mill-Enemalta Corporation, liema licenzja issa taqa' taht l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tapplika dan il-provvediment kontra l-appellant. Fejn din il-Qorti ma taqbilx hu li tali skwalifika tkun ghal zmien indefinit. Tara minnflok li din ghandha tkun limitata ghall-

periodu fiss kif ser jintqal fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

Qieset il-kondotta refrattarja tal-appellant kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi:-

**tikkonfermaha** fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni ta' reat kontinwat ta' frodi innominata kontemplata skond l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, b' dana pero' li l-valur involut kien dak indikat fl-artikolu 310 (1) (d) u mhux 310 (1) (b), kif ukoll fejn sabet lill-appellant hati tar-raba w tal-hames imputazzjonijiet u fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzja jew permess li ghandu l-appellant biex jahdem ta' distibutur tal-*liquid petroleum gas*, b' dana pero' li din l-iskwalifika tkun limitata ghall-periodu ta' hames snin mil-lum, fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti esebiti in atti w, b' mod partikolari, dawk esebiti bhala dokumenti FF5 sa FF13 u dawk esebiti formalment u cioe' 721 cilindru tal-gass u sitt imwiezen kif ukoll fejn ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-perizji fl-ammont ta' disgha mija hamsa w tmenin Ewro u erba w erbghin centezmu (E. 985.44c) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap.9, u
**tirrevokaha** fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta' frodi b' eghmil qarrieqi skond l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali w tat-tielet imputazzjoni ta' uzu ta' uzin jew kejl falz skond l-artikolu 307 tal-Kodici Krminali, kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellant ghall-disa' xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap.9, gew sospizi ghall-periodu ta' sena w fejn ikkundannatu ghall-multa ta' tlitt elef Ewro (E3000) u minnflok tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghall-periodu ta' sitt xhur liema sentenza pero' ma ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' sena mill-lum l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija w, peress li bejn ir-reati taht ir-raba' u l-hames imputazzjoni hemm il-konkors formali w ideali, tikkundannah ghall-multa ta' elfejn Ewro (E2000), li jekk ma tithallasx fi zmien xahar

mil-lum, tigi awtomatikament konvertita f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti qed tfiehem bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu skond l-artikolu 28A u 28B tal-Kodici Kriminali.

Fl-ahhar nett, qed tattira l-attenzjoni tad-Deputat Registratur ghall-obbligi tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------